



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Awwissu 2019
(OR. en)

11778/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0170(NLE)

COEST 178
WTO 225

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Awwissu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 369 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2019) 369 final.

Mehmuż: COM(2019) 369 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.8.2019
COM(2019) 369 final

2019/0170 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem il-Kumitat tas-Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista ta' individwi li jservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim

Il-Ftehim għandu l-għan li jespandi l-kooperazzjoni bilaterali wiesgħa f'oqsma ekonomiċi, kummerċjali u politiċi, u fil-politiki settorjali, filwaqt li b'hekk jipprovdi bażi fit-tul għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Armenja. Billi jsaħħaħ id-djalogu politiku u jtejjeb il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma, il-Ftehim jħejji l-pedamenti għal impenn bilaterali aktar effettiv mal-Armenja.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/104 tal-20 ta' Novembru 2017 approvat l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 385 tal-Ftehim. Il-Ftehim huwa applikat fuq bażi proviżorja mill-1 ta' Ġunju 2018.

2.2. Il-Kumitat ta' Sħubija

Il-Kumitat ta' Sħubija li jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika biex jindirizza l-kwistjonijiet kollha marbuta mat-Titolu IV (Kummerċ u Kwistjonijiet relatati mal-Kummerċ) ta' dan il-Ftehim huwa speċifikat fl-Artikolu 363(7) tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 363(1) u (6) tal-Ftehim, il-Kumitat ta' Sħubija jassisti lill-Kunsill ta' Sħubija fit-twettiq tad-dmirijiet u l-funzjonijiet tiegħu. Huwa għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet f'dawk l-oqsma li huma soġġetti għad-delega tas-setgħat mogħtija lil mill-Kunsill ta' Sħubija u fil-każijiet previsti fil-Ftehim. Dawn id-deċiżjonijiet huma vinkolanti fuq il-Partijiet tal-Ftehim, li għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jimplimentawhom.

2.3. L-att previst tal-Kumitat ta' Sħubija

Il-proċedura ta' arbitraġġ stabbilita fil-Kapitolu 13 tat-Titolu VI tal-Ftehim tistipula li meta l-Partijiet jonqsu milli jsolvu tilwima permezz ta' konsultazzjonijiet, il-Parti li tkun talbet il-konsultazzjoni tista' titlob it-twaqqif ta' bord ta' arbitraġġ. L-għan tal-att previst huwa li jiddefinixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni rigward l-adozzjoni tal-Kumitat ta' Sħubija ta' lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri fi proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim.

L-Artikolu 339(1) tal-Ftehim jesiġi li l-Kumitat ta' Sħubija jistabbilixxi, fuq il-bażi ta' proposti magħmula mill-Partijiet, lista ta' mill-inqas 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri. Il-lista għandha tkun magħmula minn tliet sublisti: lista sekondarja waħda għal kull Parti u lista sekondarja waħda ta' individwi li ma jkunx ċittadini tal-ebda Parti u li għandhom iservu bħala president tal-bord ta' arbitraġġ. Kull sublista għandha tinkludi mill-anqas ħames individwi.

Għaldaqstant, ġie diskuss mar-Repubblika tal-Armenja abbozz ta' lista ta' arbitri, li jipprevedi ħames arbitri kandidati mill-Unjoni, ħames arbitri kandidati mir-Repubblika tal-Armenja u ħames ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jservu bħala presidenti ta' bord tal-arbitraġġ.

L-arbitri kandidati u l-presidenti proposti mill-Unjoni u mir-Repubblika tal-Armenja għandhom għarfien espert speċjali fid-dritt, il-kummerċ internazzjonali u kwistjonijiet oħra li jikkonċernaw id-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI tal-Ftehim u huma mistennija jissodisfaw ir-rekwiżit ta' indipendenza kif speċifikat fl-Artikolu 339(2) tal-Ftehim.

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni għandha l-għan li tistabbilixxi lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri fil-proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim, kif previst fil-Ftehim.

Id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-istrument legali li jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi adottata f'isimha fil-Kumitat ta' Sħubija.

Din id-deċiżjoni timplimenta l-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni lejn Pajjiż Sieħeb tal-Lvant, abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. It-twaqqif ta' lista ta' arbitri huwa rekwiżit ġuridiku biex jiġu stabbiliti l-istrutturi istituzzjonali li jippermettu li l-Unjoni u r-Repubblika tal-Armenja jindirizzaw b'mod effettiv it-tilwim bilaterali dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tat-titlu kummerċjali tal-Ftehim. Dan huwa konsistenti mal-approċċ tal-Unjoni fid-dixxiplini tas-soluzzjoni tat-tilwim li ġew innegozjati jew implimentati fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' sħab kummerċjali oħra.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni Ewropea f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali.

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE"¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat ta' Sħubija huwa korp stabbilit permezz tal-Ftehim. Id-deċiżjoni li se tadotta l-Kumitat ta' Assoċjazzjoni għandha tikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-atti previsti jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 363(6) tal-Ftehim. L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva hija l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

4.2.2. *Applikazzjoni għall-każ preżenti*

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-iżgurar tal-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4).

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Huwa previst li d-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Sħubija tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ladarba tiġi adottata.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Sħubija stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Komprensiv u Msaħħaħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-lista ta' individwi biex iservu bħala arbitri fi proċedimenti ta' soluzzjoni tat-tilwim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 207(3) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 339(1) tal-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Armenja, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), il-Kumitat ta' Sħubija għandu jistabbilixxi lista ta' mill-inqas 15-il individwu li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 385(5) tal-Ftehim, il-Ftehim huwa applikat proviżorjament mill-1 ta' Ġunju 2018.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 339(1) tal-Ftehim, l-Unjoni u r-Repubblika tal-Armenja pproponew il-kandidati rispettivi tagħhom li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri u ftiehemu dwar ħames ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jservu bħala presidenti ta' bord ta' arbitraġġ.
- (4) Huwa xieraq li l-Kumitat ta' Sħubija jistabbilixxi l-lista tal-arbitri.
- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Sħubija għandha tiġi ppubblikata wara l-adozzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Sħubija tal-Ftehim rigward l-adozzjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu ta' arbitri, f'konformità mal-Artikolu 339(1) tal-Ftehim, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat ta' Sħubija mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-Kummerċ għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President